A.L. 83 tal-2026

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING*

(KAP. 373)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Reġistru Ċentrali tal-Kontijiet Bankarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, li jaġixxi bil-parir tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Reġistru Ċentrali tal-Kontijiet Bankarji u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Reġistru Ċentrali tal-Kontijiet Bankarji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 373.03.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira "Att" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità kompetenti" għandu jkollha l-istess tisfira kif mogħti lilha fir-Regolamenti kontra Money *Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu;". S.L. 373.01.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (4) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Id-data u l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru tista' tiġi aċċessata u tintuża wkoll:

(a) mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja sabiex iwieġeb għal talbiet ġustifikati għal informazzjoni li jirċievi minn xi awtorità kompetenti li mhux elenkata fis-subregolament (1); u

(b) minn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet elenkati fis-subregolament (1) sabiex twieġeb għal talbiet ġustifikati għal informazzjoni li tirċievi minn korpi barranin jew supranazzjonali li jkollhom funzjonijiet simili, wara li jkunu aċċertaw ruħhom li l-korp rikjedenti japplika rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u protezzjoni tad-data ekwivalenti għal dawk li huma applikabbli għalihom:

Iżda l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandhom jiddikjaraw lir-reġistru liema huwa l-korp rikjedenti li lilu għandha tingħata tali data u informazzjoni:

Iżda wkoll l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu (a) u (b) jistgħu jipprovdu għal proċeduri speċifiċi dwar kif għandhom isiru talbiet għal informazzjoni u jistgħu wkoll jimponu dawk il-kondizzjonijet u restrizzjonijiet kollha li huma jistgħu jqisu meħtieġa meta jwieġbu għal kwalunkwe tali talba għall-informazzjoni.".

Izid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Ftehim dwar l-arranġament.

9. (1) Fid-determinazzjoni tal-impożizzjoni ta' penali amministrattiva fuq istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', fid-diskrezzjoni tiegħu stess iżda skont il-politika u l-proċeduri msemmija fl-artikolu 13(2) tal-Att, jipproponi jew jaqbel ma' talba, li jidħol fi ftehim dwar l-arranġament mal-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata.

(2) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja ma għandux jidħol fi ftehim dwar l-arranġament fejn:

(a) il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jemmen li dan ma jkunx fl-interess pubbliku skont kwalunkwe politiki u proċeduri kif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi; jew

(b) ikunu għadhom ma għaddewx sentejn (2) mill-għeluq ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva jew ta' rimedju meħuda mill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata bħala parti minn ftehim dwar l-arranġament li jkun daħal fih qabel:

Iżda l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' japplika din ir-restrizzjoni b'mod ġenerali jew fir-rigward tal-kategoriji differenti ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu skont l-artikolu 26 tal-Att, iżda fi kwalunkwe każ ma għandux jidħol f'aktar minn żewġ (2) ftehimiet dwar l-arranġament mal-istess persuna suġġetta fi żmien sentejn (2):

Iżda ukoll fejn il-persuna suġġetta tifforma parti minn grupp, l-imsemmija limitazzjoni għandha tqis kwalunkwe ftehim dwar l-arranġament li jkun sar ma' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja oħra fil-grupp.

(3) Ftehim dwar l-arranġament għandu jkun bil-miktub, iffirmat u għandu jorbot lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u lill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernati. L-imsemmi ftehim dwar l-arranġament għandu jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet tal-ftehim u għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-kontravvenzjonijiet identifikati mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-qbil mhux kondizzjonat mal-istess kontravvenzjonijiet mill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata;

(b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva jew ta' rimedju li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jqis meħtieġa sabiex jerġa' jkun hemm konformità, fejn dan ikun applikabbli;

(ċ) impenn mill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata sabiex jimplimentaw l-azzjonijiet korrettivi jew ta' rimedju meqjusa meħtieġa mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, f'dawk il-perjodi u kif soġġett għall-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti jew xort'oħra miftiehma mal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja;

(d) il-penali amministrattiva li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kellu l-intenzjoni li jimponi fuq l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja ikkonċernata, u l-ammont li bih tali penali amministrativa tkun tnaqqset bil-kondizzjoni li l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata tikkonforma mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-ftehim dwar l-arranġament;

(e) impenn min-naħa tal-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata li tħallas l-ammont imnaqqas tal-penali amministrattiva skont it-termini stabbiliti fil-ftehim dwar l-arranġament;

(f) rinunzja mill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata għal kwalunkwe dritt ta' appell, reviżjoni jew li b'xi mod ieħor tikkontesta d-determinazzjoni u l-konklużjonijiet tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja; u

(g) dikjarazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata li l-ammont li bih tkun tnaqqset il-penali amministrattiva għandu jsir dovut u pagabbli lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, mad-determinazzjoni mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li kwalunkwe azzjoni korrettiva jew ta' rimedju kif imsemmi fil-paragrafu (ċ) ma tkunx twettqet skont il-ftehim dwar l-arranġament.

(4) L-ammont tal-penali amministrattiva mnaqqas kondizzjonalment skont is-subregolament (3)(d) jiġi estint meta jiġi determinat mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li tkun twettqet kwalunkwe azzjoni korrettiva jew ta' rimedju meħtieġa skont il-ftehim dwar l-arranġament.

(5) Fil-każ li ma jintlaħaqx ftehim dwar l-arranġament minħabba nuqqas ta' interess jew nuqqas ta' kooperazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata jew ma jintlaħaqx ftehim fil-perjodu li jiġi stabbilit mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jipproċedi bl-impożizzjoni tal-penali amministrattiva fl-ammont sħiħ li kien biħsiebu jimponi u bl-impożizzjoni ta' tali miżuri oħra li huwa għandu s-setgħa bil-liġi li jimponi u li jista' jqis li jkunu meħtieġa.

(6) Ftehim dwar l-arranġament għandu jitqies li jkun ġie konkluż meta l-imsemmi ftehim jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet u l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata tkun ħallset l-ammont sħiħ tal-penali amministrattiva mnaqqsa skont it-termini u l-kondizzjonijiet miftiehma, u fin-nuqqas ta' dan, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jipproċedi bl-impożizzjoni tal-penali amministrattiva fl-ammont sħiħ li kien biħsiebu jimponi u bl-impożizzjoni ta' tali miżuri oħra li huwa awtorizzat bil-liġi li jimponi u li jista' jqis li jkunu meħtieġa.

(7) Fil-każ li, wara l-konklużjoni ta' ftehim dwar l-arranġament, il-Korp għall-Analisi tal-Informazzjoni Finanzjarja jiddetermina li l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata naqset, mingħajr ġustifikazzjoni raġonevoli, milli tikkonforma mat-termini tal-ftehim dwar l-arranġament jew ma' kwalunkwe azzjoni korrettiva jew ta' rimedju kif meħtieġa mill-ftehim:

(a) l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata għandha, wara avviż bil-miktub mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, titlef kwalunkwe konċessjoni jew benefiċċju ieħor li jirriżultaw mill-ftehim, u l-ammont li bih il-penali amministrattiva tkun tnaqqset għandu jsir dovut u pagabbli lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja;

(b) il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' b'avviż bil-miktub jieħu tali miżuri oħra li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu s-setgħa bil-liġi li jieħu u kif jistgħu jitqiesu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi, inkluż il-ħruġ ta' direttivi bil-miktub li jeħtieġu lill-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata twettaq jew tonqos milli twettaq kwalunkwe att, inklużi tali projbizzjonijiet, restrizzjonijiet u limitazzjonijiet taħt tali kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fid-direttivi; u

(ċ) il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistitwixxi kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jirkupra mingħand l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata l-ammont li bih il-penali amministrattiva kienet tnaqqset skont il-ftehim dwar l-arranġament, u sabiex jinforza t-twettiq tal-azzjonijiet korrettivi jew ta' rimedju li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kien impona permezz tal-ftehim dwar l-arranġament.

(8) Kwalunkwe tali azzjoni għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Kap. 12.

Iżda meta jingħata permess sabiex tiġi difiża l-azzjoni skont l-artikolu 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew xort'oħra jiġi ppreżentat appell minn kwalunkwe deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-artikolu 13A(3) sa (5) tal-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis*:

Iżda wkoll l-artikoli 13A(6) u 13Ċ tal-Att għandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe azzjoni msemmija taħt dan is-subregolament jew appell minnha.

(9) Fejn il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jippreżenta azzjoni kif imsemmija fis-subregolament (7)(d), jista' wkoll jitlob lill-qorti sabiex timponi fuq l-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja kkonċernata penali addizzjonali li ma għandhomx jeċċedu elf euro (€1,000) għal kull jum sakemm jiġu kompluti l-azzjonijiet korrettivi jew ta' rimedju.

Komunikazzjoni ta' penali u miżuri amministrattivi lil awtoritajiet sorveljanti.

10. Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jeżerċita s-setgħat tiegħu taħt ir-regolamenti 8 u 9, dan għandu jinforma fil-waqt lill-awtorità sorveljanti rilevanti jew lil kwalunkwe awtorità, korp jew kumitat responsabbli ieħor għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni jew ir-regolamentazzjoni ta', jew l-għoti ta' warrant lill-persuna suġġetta jew individwu ikkonċernat u għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kontravvenzjoni kif jista' jqis meħtieġ.

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

5. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', għal perjodu ta sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jilqa' talba jew xort'oħra, għal ftehim barra mill-qorti fir-rigward ta' appell minn penali amministrattiva li jirċievi minn persuni suġġetti li, fil-ġurnata tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti:

(a) ikollhom appell pendenti minn deċiżjoni tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li tkun imponiet penali amministrattiva jew jinnotifikaw lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li jkunu ppreżentaw tali appell; u

(b) kienu jkunu xort'oħra eliġibbli li jidħlu fi ftehim dwar l-arranġament kif provdut fir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali li kieku dan kien possibbli fiż-żmien li l-penali amministrattiva li tkun ġiet appellata kienet ġiet imposta.

(2) Il-konklużjoni ta' ftehim barra mill-qorti għandha tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-persuna suġġetta, tidħol fi ftehim bil-miktub mal-Korp ghall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li jipprovdi:

(a) għall-aċċettazzjoni u l-qbil mingħajr kondizzjoni mill-persuna suġġetta, bid-determinazzjoni u l-konklużjoni tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja fir-rigward tal-kontravvenzjonijiet li kienu ġew identifikati;

(b) għall-aċċettazzjoni tal-penali amministrattiva kif imnaqqsa mill-Korp ghall-Analisi tal-Informazzjoni Finanzjarja, liema tnaqqis ma jistax ikun ta' iktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-ammont oriġinali tal-penali, u l-ħlas tagħha skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-ftehim;

(ċ) ir-rinunzja għal kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji kontra l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u d-dikjarazzjoni li l-persuna suġġetta ma għandhiex tfittex li xort'oħra tikkontesta ulterjorment id-deċiżjoni tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja; u

(d) għall-aċċettazzjoni u l-implimentazzjoni immedjata ta' kwalunkwe direttivi, rekwiżiti u kwalunkwe direzzjonijiet oħra sabiex jittieħdu azzjonijiet korrettivi jew ta' rimedju li kienu ngħataw mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u li l-persuna suġġetta tista' tkun għadha ma implimentatx.

(3) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 10 tar-regolamenti

B 636

prinċipali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* kull meta jiġi konkluż ftehim barra mill-qorti skont dan ir-regolament.